



Kummerċjant li jipproponi, fuq siti bħal Amazon, oġġett li ma jkunx iproduċa huwa stess għandu jinforma lill-konsumatur bil-garanzija tal-produttur jekk minnha huwa jagħmel element ċentrali jew deċiżiv tal-offerta tiegħu

Il-kumpannija absoluts -bikes and more- GmbH & Co. KG (iktar 'il quddiem "absoluts") ipproponiet għall-bejgħ, fuq il-pjattaforma ta' kummerċ online Amazon, il-prodott ta' manifattur Svizzeru. Il-paġna tas-sit Amazon li tippreżenta din l-offerta ma kienet tinkludi ebda informazzjoni dwar kwalunkwe garanzija offruta minn absoluts jew minn terzi, iżda kienet tinkludi, f'taqsimha intitolata "Informazzjoni teknika oħra", ħolqa li permezz tagħha l-utent seta' jaċċedi għal skeda ta' informazzjoni redatta mill-produttur.

Peress li qieset li absoluts ma kinitx qegħda tipprovdi biżżejjed informazzjoni dwar il-garanzija offruta mill-produttur, kumpannija kompetitriċi ppreżentat, fuq il-bażi tal-leġiżlazzjoni Ġermaniża dwar il-kompetizzjoni żleali, azzjoni intiża sabiex absoluts tiegħaf milli tipproponi tali offerti. Peress li l-kawża waslet sal-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja), din tal-aħħar kellha dubji dwar jekk, bis-saħħa tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-konsumaturi¹, kummerċjant li jinsab fis-sitwazzjoni ta' absoluts huwiex obligat jinforma lill-konsumatur bl-eżistenza tal-garanzija kummerċjali offruta mill-produttur. Din il-qorti staqsiet ukoll dwar il-portata ta' tali obbligu u dwar il-kundizzjonijiet li fihom dan jinħoloq.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li, skont id-Direttiva dwar id-drittijiet tal-konsumaturi, **kummerċjant huwa obligat jipprovdi lill-konsumatur informazzjoni prekuntrattwali dwar il-garanzija kummerċjali tal-produttur meta l-konsumatur ikollu interess leġittimu li jikseb din l-informazzjoni** sabiex jieħu d-deċiżjoni li jintrabat kuntrattwalment mal-kummerċjant. Il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi wkoll li din l-informazzjoni għandha tinkludi kull element ta' informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni u ta' implimentazzjoni ta' tali garanzija li tippermetti lill-konsumatur jieħu tali deċiżjoni.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-kummerċjant huwiex obligat jinforma lill-konsumatur bl-eżistenza ta' garanzija kummerċjali tal-produttur², il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li, meta s-suġġett tal-kuntratt jirrigwarda oġġett immanifatturat minn persuna li ma tkunx il-kummerċjant, dan l-obbligu għandu jkopri l-informazzjoni essenzjali kollha dwar dan l-oġġett sabiex il-konsumatur ikun jista' jiddeċiedi jekk ikunx jixtieq jintrabat kuntrattwalment mal-kummerċjant. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, din l-informazzjoni tinkludi l-karatteristiċi prinċipali tal-oġġett³ kif ukoll,

¹ Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2011, L 304, p. 64, iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar id-drittijiet tal-konsumaturi").

² Artikolu 6(1)(m) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-konsumaturi. Skont din id-dispożizzjoni, qabel ma l-konsumatur jintrabat b'kuntratt mill-bogħod jew lil hinn mill-post tan-negozju jew b'offerta tal-istess tip, il-kummerċjant għandu jipprovdi, f'forma ċara u li tintfieh, l-informazzjoni dwar l-eżistenza ta' assistenza ta' wara l-bejgħ, ta' servizz ta' wara l-bejgħ u ta' garanziji kummerċjali kif ukoll il-kundizzjonijiet relatati magħhom.

³ Dan l-obbligu huwa previst fl-Artikolu 6(1) (a) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-konsumaturi.

bħala prinċipju, il-garanziji kollha intrinsikament marbuta miegħu, fosthom il-garanzija kummerċjali offruta mill-produttur. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li, għalkemm il-komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar il-garanzija kummerċjali tal-produttur tiżgura lill-konsumatur livell għoli ta' protezzjoni, **obbligu inkundizzjonat li jipprovdi tali informazzjoni**, fi kwalunkwe ċirkustanza, **jidher sproporzjonat**. Fil-fatt, tali obbligu jobbliga lill-kummerċjanti jwettqu xogħol kunsiderevoli ta' ġbir u ta' aġġornament tal-informazzjoni relatata ma' tali garanzija, filwaqt li dawn mhux neċessarjament ikollhom relazzjoni kuntrattwali diretta mal-produtturi u li l-kwistjoni tal-garanzija kummerċjali tal-produtturi ma taqax, bħala prinċipju, taħt il-kuntratt li huma jkollhom l-intenzjoni li jikkonkludu mal-konsumatur.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis, fil-kuntest tal-ibbilanċjar ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi mal-kompetittività tal-impriżi, li **l-kummerċjant huwa obligat jipprovdi informazzjoni prekuntrattwali lill-konsumatur dwar il-garanzija kummerċjali tal-produttur biss jekk il-konsumatur ikollu interess leġittimu li jikseb din l-informazzjoni** sabiex jieħu d-deċiżjoni li jintrabat kuntrattwalment mal-kummerċjant. Dan l-obbligu tal-kummerċjant għalhekk ma jitnissilx mis-sempliċi fatt tal-eżistenza ta' din il-garanzija, iżda mill-fatt tal-preżenza ta' tali interess leġittimu tal-konsumatur. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li **dan l-interess jiġi stabbilit meta l-kummerċjant jagħmel mill-garanzija kummerċjali tal-produttur element ċentrali jew deċiżiv tal-offerta tiegħu**, b'mod partikolari meta minn dan jagħmel argument ta' bejgħ b'mod li jtejjeb b'hekk il-kompetittività u l-attrattività tal-offerta tiegħu meta mqabbla mal-offerti tal-kompetituri tiegħu.

Il-Qorti tal-Ġustizzja żżid li, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-garanzija kummerċjali tal-produttur tikkostitwixx element ċentrali jew deċiżiv tal-offerta tal-kummerċjant, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kontenut u l-konfigurazzjoni ġenerali tal-offerta fir-rigward tal-oġġett ikkonċernat, tal-importanza, f'termini ta' argument ta' bejgħ jew ta' argument ta' reklamar, tar-riferiment għall-garanzija kummerċjali tal-produttur, tal-pożizzjoni okkupata minn din l-indikazzjoni fl-offerta, tal-probabbiltà ta' żball jew ta' konfużjoni li l-imsemmija indikazzjoni tista' twassal f'moħħ il-konsumatur medju, normalment informat u raġonevolment attent u avżat fir-rigward tad-diversi drittijiet għall-garanzija li dan jista' jeżerċita jew tal-identità reali tal-garanti, tal-preżenza jew le, fl-offerta, ta' spjegazzjonijiet relatati mal-garanziji l-oħra konnessi mal-oġġett kif ukoll ta' kull element ieħor li jista' jistabbilixxi f'tiegħa oġġettiva ta' protezzjoni tal-konsumatur.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kwistjoni dwar liema informazzjoni għandha tiġi pprovduta lill-konsumatur dwar il-"kundizzjonijiet [...] relatati" mal-garanzija kummerċjali tal-produttur⁴, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-kummerċjant huwa obligat jipprovdi lill-konsumatur, sabiex jissodisfa l-interess leġittimu ta' dan tal-aħħar li jikseb informazzjoni dwar il-garanzija kummerċjali tal-produttur sabiex ikun jista' jieħu d-deċiżjoni tiegħu li jintrabat kuntrattwalment mal-kummerċjant, kull element ta' informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni u ta' implimentazzjoni tal-garanzija kummerċjali kkonċernata. Minbarra t-tul u l-portata territorjali tal-garanzija, imsemmija espressament fit-tieni inċiż tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-bejgħ u l-garanziji tal-oġġetti għall-konsum⁵, dawn l-elementi jistgħu jinkludu mhux biss il-post ta' tiswija fil-każ ta' ħsara jew l-eventwali restrizzjonijiet ta' garanzija, iżda wkoll, skont iċ-ċirkustanzi, l-isem u l-indirizz tal-garanti.

TFAKKIRA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qorti tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' kawża li biha huma aditi, iressqu domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża konformement mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra aditi bi problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

⁴ Dan il-kunċett jinsab fl-Artikolu 6(1)(m) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-konsumaturi.

⁵ Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 4, p. 223).